# L-Epifanija fil-Polonja...dari u llum

## Is-simbolizmu tal-Epifanija fit-tradizzjoni Nisranija

L-Epifanija hija wahda mill-ewwel festi stabbiliti mill-Knisja Kattolika u ilha tigi ccelebrata sa mit-tielet seklu. L-



Epifanija ttemm ic-ciklu ta’ celebrazzjonijiet religjuzi

relatati mat-twelid ta’ Kristu. Hija festa li tikkommemora il-grajja tat-Tliet Slaten Magi mil-Lvant jisimhom Kasper, Melkjor, u Baltazar li segwew id-dawl ta’ l-Istilla ta’ Betlehem sal-post fejn kien qieghed Gesù. Huma tawh gieh, irrikonoxxew in-natura divina tieghu, u offrewlhu rigali ta’ deheb, mirra, u incens.

Kull rigal igorr tifsira simbolika: id-deheb huwa sinjal ta’ regalità, il-mirra hija simbolu tat-twettiq tal-profeziji messjanici u t-thabbira tal-martirju ta’ Gesù fuq is-salib, u l-incens jissimbolizza d-divinità tieghu. Alla veru (incens) u sultan veru (deheb).

Fl-ewwel sekli tal-Kristjanezmu fil-Polonja, l-Epifanija kienet tigi ccelebrata mal-Milied.

**Lejlet l-Epifanija fi zminijiet Pollakki Antiki**

Fil-passat, fil-jum ta’ qabel l-Epifanija, kien isir nar fil-fuklar. Imbaghad, f’jum l-Epifanija, il-qassis kien jixghel xemghat waqt il-quddiesa. Ladarba n-nar ikun inxteghel, l-ebda tip iehor ta’ nar ma kellu jiddahhal fid-dar. Skont it-twemmin popolari ta’ dak iz-zmien, l-isfortuna kienet issegwi jekk jingiebu nirien ohra, u r-razzett kien ikun fil-periklu li jiehu n-nar.

Lejlet l-Epifanija, tfajliet  bi hsieb ta’ zwieg kienu jzuru djar fejn kienu jghixu pretendenti potenzjali. Dawn iz-zjarat kienu mistennija, u t-tfajliet kienu jintlaqghu bil-ferh u jigu ospitati b’mod kordjali. Wara gurnata mimlija zjarat, ir-

residenti tal-irhula u l-bliet kienu jiltaqghu f'post wiehed biex jiccelebraw is-Solennità li kienet gejja tal-Epifanija.

**L-Epifanija fil-Polonja tal-qedem**

Fil-jum tal-Epifanija, kulhadd kien mehtieg jattendi l-quddiesa. Matul il-quddiesa, il-qassis kien iqieghed oggetti migjuba mill-fidili fuq l-artal, li jissimbolizzaw ir-rigali li Gesù rcieva mit-Tliet Slaten Magi tal-Lvant. Dawn generalment kienu crieket, medaljuni, u dukati. Hdejh fuq l-artal kien ikun hemm mirra, maghmula mir-rezina tal-prinjola jew mill-frott tal-gnibru, u incens. Minbarra d-deheb, il-mirra, l-incens, u l-gibs, il-kleru kien ibierek ukoll l-ilma biex jikkommemora l-maghmudija fix-Xmara Gordan. Il-hruq tal-incens ikkonsagrat fid-dar u fil-bini tar-razzett kien mahsub li jipprotegi kontra l-isfortuna u l-mard. Il-fdalijiet tal-incens imbaghad kienu jigu mgezwra f'ghazel abjad ghas-sena kollha. Id-deheb ikkonsagrat suppost kien jipprotegi d-dar kontra l-hazen u jizgura l-fertilità u l-prosperità. Il-mirra kienet tintuza bhala medicinali, u l-gibs kien jntuza biex inehhi l-ghajn hazina. Barra minn hekk, il-qassisin kienu jferrghu l-ilma qaddis fil-bir biex jaghmlu l-ilma fih b'toghma tajba u bnina.

Fis-6 ta' Jannar, kienet tibda c-celebrazzjoni tal-ghanjiet tal-parrocca: il-kleru (spiss flimkien mal-abbatini, l-organisti, u l-knisja) kienu jzuru l-fidili tal-parrocca taghhom. Wara li jitolbu flimkien, ikantaw ghanjiet tal-Milied, u jghaddu xi ftit mumenti jitkellmu bejnithom, kienu



GASPAR, MELCHIOR I BALTAZAR.
Rysunek Andriollego.

jiktbu l-bibien bl-ewwel ittri ta' kull wiehed mill-ismijiet tal-Magi separati bis-sinjal tas-salib. L-akronimu K + M + B (jew bil-Latin C + M + B) jirrapprezenta l-frazi Latina "Christus Mansionem Benedicat" (Jalla Kristu jbierek din id-dar). Wara li l-kleru johrog mid-dar, ix-xebbiet kienu jigru biex joqoghdu fuq is-siggu li kien okkupa, ghax dan kien ihabbar zwieg mghaggel. Sid id-dar kien ukoll jaghmel is-sinjal tas-salib fuq il-bibien tal-bini tar-razzett u fuq il-qrun u l-gwienah tal-bhejjem. Fil-passat, kien mahsub li l-gibs ikkonsagrat kien jipprotegi d-dar, il-membri taghha u l-annimali minn forzi mhux puri. Xi whud kienu sahansitra jigbdu cirku protettiv madwar ir-razzett kollu.

**Il-jum generuz**

Fi zminijiet Pollakki Antiki, l-Epifanija kienet tissejjah il-Jum il-Generuz. In-nisa tad-dar kienu jahmu hobz ritwali, li kienu joffruh lil dawk li kienu jkantaw innijiet tal-Milied;

dawn il-kantanti  kienu milqugha bil-herqa fid-djar u l-kastelli Pollakki antiki. U bhala hlas kienu jircievu xorb u flus abbundanti bi tpattija ghaz-zjara u l-awguri sbieh taghhom.

B'mod generali, l-iskambju ta' rigali kien drawwa komuni f'jum l-Epifanija, ghalkemm kien simboliku. L-ghoti ta' rigali lil qraba, hbieb, girien, jew qaddejja tal-qorti kien komuni biex jikkommemora r-rigali tat-Tliet Slaten Magi. Fil-qosor, kwazi kull min jemmen kien jaghmel hiltu kollha biex jaghti rigal lil xi hadd f'dan il-jum.

Fi zmien il-Polonja l-Qadima, il- loghba tas-“ Sultan tal-Lewza” kienet popolari fost l-aktar klassijiet socjali sinjuri, izda kienet tintlaghab biss fl-Epifanija. Din il-loghba kienet tikkonsisti fil-habi ta’ lewza  f’kejk, hobz tal-ginger, jew kon mimli helu. L-irgiel imbaghad kienu jaghzlu l-bicciet taghhom l-ewwel. Kull min kien xortik tajba bizzejjed li jsib il-lewza kien isir is- “sultan tal-lewza”. Imbaghad, ir-  regina tal-lewza” kienet tintghazel bl-istess mod. Il- “koppja rjali tal-lewza” kienet tircievi premjijiet, tokkupa post ta’ unur fuq il-mejda tal-festa, tinghata d-dritt li tirrenja matul il-Karnival, u tgawdi minn favuri specjali matul il-loghob tal-karnival.

Il-Festa tat-Tliet Slaten Magi, dakinhar, u issa

Il-purcissjonijiet cerimonjali tat-Tliet Slaten, tant popolari llum, kienu nqatghu fuq ordni tal-gvern kommunista fis-sena 1960. Meta nitkellmu dwar l-Epifanija, ta’ min jinnota

li din sparixxiet mill-kalendarju tal-festi ghal certu perjodu ta’ zmien. Is-6 ta’ Jannar fil-Polonja kien jum qaddis u btala statutorja sal-1960, meta l-awtoritajiet komunisti ta’ dak iz-zmien nehhewha mill-kalendarju ufficjali tal-festi religjuzi u nazzjonali. Dak iz-zmien, ic-celebrazzjonijiet kollha ta’ din il-festa kienu wkoll ipprojbiti.

Kellhom jghaddu 70 sena biex din il-festa tkun mill-gdid ri-introdotta. L-Epifanija regghet lura fil-kalendarju tal-festi fl-2011, skont ligi li ghaddiet mill-parlament Pollakk fl-24 ta’ Settembru 2010. Fil-knejjes, b’tifkira tal-omagg moghti lil Gesù mit-Tliet Slaten Magi, waqt il-quddiesa, il-kleru jbierek l-incens u bicciet gibs, li bihom il-fidili jiktbu l-akronimu K + M + B fuq il-bibien taghhom (flimkien mad-data tas-sena



kurrenti). Hafna bliet u rhula Pollakki ghandhom parati kkuluriti u segwiti tat-Tliet Slaten

Fi zminijietna kwazi 2 miljun Pollak jirppartecipa fit-Toroq fil-purcissjoni tat-Tlett Rejiet ‘madwar 941 belt madwar il-pajjiz kollu. Dawn jilbsu ta’ karattri bibblici b’kuruni tal-karti fuq rashom u jkantaw innijiet tal-Milied filwaqt li jimxu wara tlett figuri principali li jirraprezentaw lis-Slaten Magi. Fis-sena 2025 dawn zdiedu ghal-941 kommunitajiet, ilkoll jippartecipaw fic-celebrazzjonijiet.

Fis-sena 2025, il-President tal-Purcissjoni tat-Tlett Rejiet hejjew 600,000 kuruna, 150,000 kotba tal-kant bl-innijiet tal-Milied u 200,000 stikers. Gewwa Warsavja biss attendew madwar 50,000 partecipant.



**IL-PURCISSJONI GEWWA VARSAVJA**